II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/126

tal-21 ta' Ottubru 2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-konsum

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiġu koperti l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti, il-Kummissjoni trid tispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-konsum (l-Istħarriġ dwar il-Baġit tal-Unitajiet Domestiċi, HBS).

(2) L-HBS hu strument ewlieni biex jiġu kkompilati l-ponderazzjonijiet għal indikaturi makroekonomiċi importanti, bħall-indiċijiet tal-prezzijiet għall-konsumatur u l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur bħala miżuri tal-inflazzjoni, kif ukoll għall-fini tal-kontijiet nazzjonali. Barra minn hekk, l-HBS jipprovdi deskrizzjonijiet dettaljati tan-nefqa totali tal-konsum tal-unitajiet domestiċi privati skont il-karatteristiċi tal-unitajiet domestiċi bħall-introjtu, l-akkomodazzjoni u ħafna karatteristiċi demografiċi u soċjoekonomiċi, u b'hekk jipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-għajxien tal-unitajiet domestiċi u tal-individwi fl-Istati Membri.

(3) Għad-dominju tal-konsum, l-għadd ta' varjabbli li jridu jinġabru jenħtieġ li ma jaqbiżx, b'aktar minn 5 %, l-għadd ta' varjabbli stabbilit fl-ewwel att delegat adottat għal dak id-dominju. Dan hu l-ewwel att delegat adottat għad-dominju tal-konsum,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-konsum huma stabbiliti fl-Anness.

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Għadd u titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-konsum

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Elementi tekniċi	**Informazzjoni dwar il-ġbir tad-*data*** *5 varjabbli tekniċi*	HA02	Sena/snin tal-istħarriġ
		HC04C	Data tal-ewwel intervista tal-unità domestika
		MB03C	Data tal-ewwel intervista tal-membru tal-unità domestika
		HA06	Strat
		HA07	Unità primarja tal-kampjunar
	Identifikazzjoni *4 varjabbli tekniċi*	HA04	Numru ta' identifikazzjoni tal-unità domestika (fajl HH)
		MA04	Numru ta' identifikazzjoni tal-unità domestika (fajl tal-membru HH)
		MA05	Numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-unità domestika (fajl tal-membru HH)
		HA13	Numru ta' identifikazzjoni tal-membru tal-unità domestika li qed iwieġeb il-kwestjonarju tal-unità domestika
	Ponderazzjonijiet *Varjabbli tekniku wieħed (1)*	HA10	Ponderazzjoni finali
	Karatteristiċi tal-intervista *3 varjabbli tekniċi*	HA11	Modalità tal-intervistar użata (intervista fl-unità domestika)
		MA11	Modalità tal-intervistar użata (intervista individwali)
		HA12	Modalità tal-intervistar użata (djarju)
	Lokalizzazzjoni *3 varjabbli tekniċi*	MB012	Pajjiż ta' residenza
		HA08	Reġjun ta' residenza
		HA09	Grad ta' urbanizzazzjoni
Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	*Demografija* *4 varjabbli miġbura* *Varjabbli derivat wieħed (1)*	MB02	Ġeneru tal-membru tal-unità domestika
		MB03	Età (fi snin magħluqa) tal-membru tal-unità domestika
		MB03 A	Sena tat-twelid
		MB03B	Għeluq is-snin fid-data tal-ewwel intervista
		MB04	Stat ċivili tal-membru tal-unità domestika
	Ċittadinanza u sfond migratorju *4 varjabbli miġbura*	MB01	Pajjiż tat-twelid
		MB011	Pajjiż taċ-ċittadinanza ewlenija
		MB01F	Pajjiż tat-twelid tal-missier
		MB01M	Pajjiż tat-twelid tal-omm

	Kompożizzjoni tal-unità domestika *Varjabbli miġbur wieħed (1)* *Varjabbli derivat wieħed (1)*	MBGRIDXX	Network tal-unitajiet domestiċi
		MB042	Partners li jgħixu fl-istess unità domestika
Saħħa: status u diżabbiltà, aċċess għall-kura tas-saħħa, disponibbiltà u użu tal-kura tas-saħħa u determinanti tas-saħħa	**Diżabbiltà u elementi oħra tal-Modulu Minimu tas-Saħħa fl-Ewropa** *3 varjabbli miġbura*	MH01	Awtoperċezzjoni dwar is-saħħa ġenerali
		MH02	Problema tas-saħħa dejjiema
		MH03	Limitazzjoni fl-attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa
Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	**Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)** *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	ME01 A	Status tal-attività ewlenija (awtodefinit)
	Karatteristiċi elementari tal-impjieg *5 varjabbli miġbura*	ME0908	Okkupazzjoni fl-impjieg ewlieni
		ME04	Attività ekonomika tal-unità lokali (impjieg ewlieni)
		ME02	Impjieg ewlieni: full-time jew part-time (awtodefinit)
		ME12	Status tal-impjieg fil-każ tal-impjieg ewlieni
		ME13	Settur ta' okkupazzjoni tal-membru tal-unità domestika
Livell edukattiv miħuq u sfond edukattiv	**Livell edukattiv milħuq** *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	MC01	L-ogħla livell edukattiv milħuq
Karatteristiċi tal-persuna u tal-unità domestika	**Kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi – dettalji speċifiċi addizzjonali** *2 varjabbli derivati*	HB05	Daqs tal-unità domestika
		HB075	Tip ta' unità domestika
Kundizzjonijiet tal-għajxien, inkluż privazzjoni materjali, abitazzjoni, ambjent tal-għajxien, aċċess għas-servizzi	**Karatteristiċi ewlenin tal-abitazzjoni** *3 varjabbli miġbura*	HD01	Status ta' pussess tal-unità domestika
		HD03	Tip ta' abitazzjoni
		HD06	Għadd ta' kmamar disponibbli fl-unità domestika
Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ	**Parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-edukazzjoni formali (attwali)** *2 varjabbli miġbura*	MC02 A	Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali
		MC02B	Livell tal-attività tal-aktar edukazzjoni jew taħriġ formali riċenti jew attwali

Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	**Tul tal-kuntratt** *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	ME03 A	Permanenza tal-impjieg ewlieni
Introjtu, konsum u elementi tal-ġid, inkluż djun	**Introjtu annwali totali fil-livell tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi** *Varjabbli miġbur wieħed (1)* *Varjabbli derivat wieħed (1)*	MF099	Introjtu nett annwali totali mis-sorsi kollha, inkluż komponenti mhux monetarji, tal-membru tal-unità domestika
		HH099	Introjtu nett annwali totali mis-sorsi kollha, inkluż komponenti mhux monetarji
	Komponenti ewlenin tal-introjtu *3 varjabbli miġbura*	HH011	Introjtu attwali nett fix-xahar tal-unità domestika
		HH095	Introjtu nett annwali monetarju mis-sorsi kollha
		HH012	Introjtu *in natura* minn impjieg
	Introjtu *in natura* minn attivitajiet bla salarju *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	HH023	Introjtu *in natura* minn attivitajiet bla salarju
	Kera imputata *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	HH032	Kera imputata
	Sors ewlieni tal-introjtu *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	HI11	Sors ewlieni tal-introjtu
	Elementi tal-ġid, inkluż sjieda tal-abitazzjoni *2 varjabbli miġbura*	HW10	Valur tar-residenza ewlenija
		HW20	Iffrankar (f'xahar tipiku)
	Taxxi u kontribuzzjonijiet *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	HW30	Taxxa fuq l-introjtu u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali
	Dejn *2 varjabbli miġbura*	HW40	Total li fadal biex jitħallas mis-self ipotekarju fuq ir-residenza ewlenija
		HW50	Ħlas lura ta' kapital u imgħax ta' kull xahar għall-ipoteka
	Arretrati *Varjabbli miġbur wieħed (1)*	HW60	Arretrati

	Konsum skont il-klassifikazzjoni tal-konsum individwali skont l-iskop (COICOP) ([1]) *507 varjabbli miġbura*	HE01 A	Ikel u xorb mhux alkoħoliku
		HE02 A	Xorb alkoħoliku, tabakk u narkotiċi
		HE03 A	Ħwejjeġ u lbies tas-saqajn
		HE04 A	Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u fjuwils oħra
		HE05 A	Arredamenti, tagħmir tad-dar u manutenzjoni regolari tal-unità domestika
		HE06 A	Saħħa
		HE07 A	Trasport
		HE08 A	Informazzjoni u komunikazzjoni
		HE09 A	Rikreazzjoni, sport u kultura
		HE10 A	Servizzi edukattivi
		HE11 A	Servizzi ta' ristoranti u ta' akkomodazzjoni
		HE12 A	Servizzi tal-assigurazzjoni u finanzjarji
		HE13 A	Oġġetti u servizzi tal-kura personali, tal-protezzjoni soċjali u mixxellanji
	Konsum proprju *13-il varjabbli miġbur*	HE01B	Ikel u xorb mhux alkoħoliku
		HE02B	Xorb alkoħoliku, tabakk u narkotiċi
		HE03B	Ħwejjeġ u lbies tas-saqajn
		HE04B	Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u fjuwils oħra
		HE05B	Arredamenti, tagħmir tad-dar u manutenzjoni regolari tal-unità domestika
		HE06B	Saħħa
		HE07B	Trasport
		HE08B	Informazzjoni u komunikazzjoni
		HE09B	Rikreazzjoni, sport u kultura
		HE10B	Servizzi edukattivi
		HE11B	Servizzi ta' ristoranti u ta' akkomodazzjoni
		HE12B	Servizzi tal-assigurazzjoni u finanzjarji
		HE13B	Oġġetti u servizzi tal-kura personali, tal-protezzjoni soċjali u mixxellanji

	Nefqa tal-konsum transfruntier skont COICOP *13-il varjabbli miġbur*	HJ01	Ikel u xorb mhux alkoħoliku
		HJ02	Xorb alkoħoliku, tabakk u narkotiċi
		HJ03	Ħwejjeġ u lbies tas-saqajn
		HJ04	Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u fjuwils oħra
		HJ05	Arredamenti, tagħmir tad-dar u manutenzjoni regolari tal-unità domestika
		HJ06	Saħħa
		HJ07	Trasport
		HJ08	Informazzjoni u komunikazzjoni
		HJ09	Rikreazzjoni, sport u kultura
		HJ10	Servizzi edukattivi
		HJ11	Servizzi ta' ristoranti u ta' akkomodazzjoni
		HJ12	Servizzi tal-assigurazzjoni u finanzjarji
		HJ13	Oġġetti u servizzi tal-kura personali, tal-protezzjoni soċjali u mixxellanji
	Kwantitajiet ([2]) *(fakultattiv)* *82 varjabbli miġbura*	HQ01	Ikel u xorb mhux alkoħoliku
		HQ02	Xorb alkoħoliku, tabakk u narkotiċi

([1]) Il-konsum monetarju skont il-klassifikazzjoni tal-konsum individwali skont l-iskop għandu jiġi trażmess fil-livell ta' COICOP b'5 ċifri.
([2]) Il-kwantitajiet għandhom jiġu trażmessi għall-gruppi "Ikel u xorb mhux alkoħoliku" u "Xorb alkoħoliku, tabakk u narkotiċi" fil-livell ta' COICOP b'5 ċifri.